Ipproteġi lilek innifsek kontra l-RSV!

L-**RSV** (il-virus respiratorju sinċizjali) jittieħed malajr ħafna. Dan jinfirex faċilment mill-arja u jista' jwassal għal mard serju u l-mewt.

Tixtieq issir taf aktar?
Dawn huma xi fatti essenzjali.

L-RSV huwa virus komuni u potenzjalment perikoluż



Kull sena fl-Ewropa dan jikkawża 'l fuq minn:

200 000	dħul l-isptar ta' tfal
150 000	dħul l-isptar ta' adulti
20 000	mewta ta' persuni li jkollhom aktar minn 60 sena

L-RSV jista' jaffettwa lill-persuni fi kwalunkwe età. Kważi t-tfal kollha se jkunu ġew infettati bl-RSV qabel ma jagħlqu s-sentejn.

In-nisa tqal jistgħu jitlaqqmu u jgħaddu dik il-protezzjoni lit-trabi tat-twelid tagħhom — b'hekk jipproteġuhom fi żmien kritiku.

L-immunizzazzjoni tipproteġi lil dawk li għandhom l-akbar riskju mill-RSV

- Tfal li twieldu qabel iż-żmien
- Tfal taħt is-6 xhur
- Persuni li għandhom aktar minn 65 sena
- Persuni b'sistemi immunitarji mdgħajfa jew kundizzjonijiet eżistenti minn qabel bħad-dijabete, il-mard tal-qalb, u l-mard tal-pulmun



L-immunizzazzjoni tista' tevita l-RSV sever u l-kumplikazzjonijiet tiegħu.

Tistenniex! Kellem lit- tabib tiegħek għal parir dwar l- immunizzazzjoni.

Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar fil-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim

vaccination-info.europa.eu/en

PORTAL EWROPEW TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea